**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 103/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ivan Agius**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ivan Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0332673(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer bejn il-25 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tal-14:09hrs u l-25 ta' Mejju 2022 għall-ħabta tas-13:15hrs ġewwa Xatt ir-Risq, Bormla, u/jew fil-viċinanzi

1. B'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti u li ġew magħmula b'reżoluzzjoni waħda;
2. Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu lil Martin Butters, Joe Micallef, Noel Pace, Evan Xuereb, Lizio Abela, David Bartolo u/jew persuni oħra jħallsu dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Martin Butters, Joe Micallef, Noel Pace, Evan Xuereb, Lizio Abela u/jew persuni u/jew entitajiet fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddiehor;

3. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtijin lilu minn Insp. D. Farr, PS 175 u PS 1576, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallihx jaqdi, jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 18 u 85(1) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lil Ivan Agius ħati tat-tieni mputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dan għal dak li jirrigwarda r-reat kommess fil-konfront tal-kwerelanti kollha barra Noel Pace, u kkundanatu għall-ħlas ta' erba' mitt Ewro (€400) multa, filwaqt li lliberatu mit-tielet imputazzjoni u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni stante li din ma hix imputazzjoni vera u propja. In oltre, in vista li ġie ddikjarat li llum-il ġurnata l-imputat ma baqax jorbot fiż-żona in kwistjoni, il-Qorti ma kinitx tal-fehma li għandha toħroġ xi ordni ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant, Ivan Agius, ippreżentat fit-2 ta' April 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni u fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni u tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tat-tieni mputazzjoni dedotta kontrih u konsegwentement fejn huwa ġie kkundannat il-piena hawn imsemmija, u minflok tgħaddi sabiex tilliberah minn kull ħtija u piena, jew, fin-nuqqas ta' dan, alternattivament, sabiex tvarja l-piena erogata għal waħda li tkun iktar ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata l-10 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jikkontendi illi ma setatx tinstab ħtija fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti fir-rigward tar-reat ta' *raggion fattasi* u dan fid-dawl tal-prinċipji *qui continuat non attentat"* u *"vim vi repellere licet* ". Huwa tal-fehma li ma setax jikkometti l-att materjali tar-reat u ċioe' li jfixkel it-tgawdija tal-pussess tal-kwerelanti u dan għaliex dan il-pussess kien f'idejh u dak li għamel allura kien li jkompli fit-tgawdija ta'l-istess u b'hekk ipproteġa *l-istatus quo, ossia* l-pussess li huwa diġa' kellu għal zmien twil, u dan ċertament mingħajr ebda intenzjoni spoljattiva.

Illi, l-fattspeċje tal-każ jikkonċernaw l-irbit ta' dgħajjes mal-moll ta' Bormla li skont il-kwerelanti hija regolata mill-*Copsicua Boating Group* li tieħu ħsieb torganiżża l-irbit ta' dgħajjes meta tirregola minn huma l-persuni li jistgħu jorbtu id-dgħajsa tagħhom mal-moll ta' Bormla u il-post fejn kull wieħed jista' jagħmel dan, sabiex b'hekk ħadd ma jinoltra ruħu fl-irmiġġ ta' ħaddieħor. L-appellant, iżda dehrlu li huwa kellu dritt jorbot id-dgħajsa tiegħu, għalkemm mhuwiex wieħed mill-persuni ndikati, għaliex hekk kien jagħmel minn dejjem u li peress li ma kienx baqalu post fejn jagħmel dan għaliex id-dgħajjes kibbru u ma ħallewlux iktar spazju, allura kellu dritt juża' l-post assenjat lil ħaddieħor.

Illi mill-affidavit *redatt* minn PS 175 Antonello Magri, jirriżulta li nhar l-4 t'April 2022 għall-ħabta tas-13:15, David Bartolo fil-vesti tiegħu ta' President tal-"*Cospicua Boating Group*" għamel rapport mal-Pulizija fejn stqarr li "**ftit tal-ħin qabel, ċioe' għall-ħabta tal-11:30, irċieva telefonata mis-segretarju fejn infurmah li ċ-ċimi tal-mazri kollha tal-moll li ma kellhomx dgħajsa marbuta magħhom, kienu maqtugħin**". Is-Sur Bartolo kkonferma li "**sa nhar il-31/03/2022 għall-ħabta tas-18:00, iċ-ċimi kollha kienu ntatti għaliex jiftakar li ra dinghy marbut ma' waħda milli hemm maqtugħin**". Minn investigazzjonijiet li saru fejn kienu eżaminati diversi filmati ta' kameras tas-sigurta fl-akkwati, kien innutat illi l-malvivent kien ċertu Gilbert Agius, li sussegwentement tressaq quddiem il-qorti akkuzat bir-reat tal-ħsara volontarja. Madanakollu kien ġie mitkellem ukoll l-appellant wara rapport li sar ukoll fil-konfront tiegħu għar-reat mfassal fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, u sussegwentement kien mixli bil-kummissjoni ta'l-istess fil-preżenti istanza.

Illi, ġew mitkellma ukoll il-kwerelanti Martin Butters, Joe Micallef, Noel Pace, Evan Xuereb u Lizio Abela li lkoll stqarru li "**soffrew danni rigward pretended rights minħabba illi Ivan rabat minflok id-dgħajsa tagħhom**".

Illi, fl-istqarrija minnu rilaxxata nhar il-25 t'April 2022, l-appellant, wara li ngħata d-debiti kawteli skont il-liġi, stqarr li għandu dgħajsa bin-numru ta' reġistrazzjoni P-617 u li jorbot dina d-dgħajsa "**Ġo Bormla, fil-post ta' għoxrin Bormliz li suppost norbtu fuqhom**". Mistoqsi għall-liema post qed jirreferi, huwa jwieġeb "**Ix-Xatt ta' Bormla**" u li dana l-post huwa "**Tal-Bormlizi**". Mistoqsi min huma "*l-għoxrin Bormliz*" li rrefera għalihom, huwa wieġeb "**Staqsi lil tal-Kumitat**".

Illi, ġie ukoll ippreżentat ftehim intitolat "*Agreement between Grand Harbour Marina Ltd and Kunsill Lokali Bormla & Cospicua Boating Group*", datat 1 ta' Lulju 2003. Dan il-ftehim fil-klawzola enumerata 1.2 tiegħu jingħad:-

> "***Subject as provided for herein, permit Bormla to use the said area only for those vessels identified on the attached list marked "B" or for such other similar vessels as Bormla may substitute from time to time by advance notice in writing to GHM***".

David Bartolo, xehed quddiem l-Ewwel Qorti fejn spjega li dan il-ftehim, fost affarijiet oħra, kien jindika l-persuni li kellhom id-dritt li jorbtu d-dgħajjes tagħhom mal-moll ta' Bormla. Fl-istess ftehim, li jirrisali għas-sena 2003, hemm ukoll indikat il-post speċifiku fejn dawn il-persuni kellhom jorbtu d-dgħajsa tagħhom. L-istess Bartolo xehed li osserva d-dgħajsa tal-pass tal-appellant marbuta f'post ħaddieħor u li din ma kinitx l-unika okkazzjoni li dan kien għamel hekk.

Illi, dan il-fatt kien kkonfermat ukoll minn Jonathan Abela li xehed li fil-perijodu ta' bejn April 2022 u Mejju 2022, l-appellant kien jorbot id-dgħajsa tiegħu fuq l-irmiġġi ta' ħaddieħor u dana mingħajr ma kellu dritt jagħmel hekk. Huwa xehed li sal-2022, il-membri tal-għaqda li kellhom dritt jorbtu mal-moll kienu Evan Xuereb, Etienne Grima, Jonathan Abela, Nicholas Ellul, Martin Butters, Joe Micallef, Lizio Abela, Raymond Azzopardi, Daniel Orsini, Berry Cassar, David Bartolo, Justin John Camilleri, John Gulia, Jesmond Bondin, Jean Pierre Attard, Noel Pace, David Pace, Eugenio Farrugia, David Backland u Sven Refalo. Ix-xhud Abela pprezenta ukoll

diversi "*screenshots*" meħuda minn filmati tas-CCTV matul il-perijodu minnu msemmi li juru d-dgħajsa tal-pass tal-appellant marbuta mal-irmiġġ ta' ħaddieħor.

Illi, xehed ukoll Evan Xuereb, li stqarr li bejn l-14 t'April u l-25 t' April tas-sena 2022, kienet rabtet mal-irmiġġ tiegħu dgħajsa tal-pass ħamra li kienet tappartjeni lill-appellant. Martin Butters ukoll offra t-testimonjanza tiegħu fejn stqarr li f'April tas-sena 2022, kien hemm żewġ okkażżjonijiet meta l-appellant rabat id-dgħajsa tal-pass tiegħu mal-irmiġġ tiegħu. L-istess xehed Lizio Abela li stqarr li fis-sena 2022, kien hemm sitwazzjoni fejn kien hemm id-dgħajsa tal-appellant marbuta "*alongside*" il-mażżra tiegħu u fuq dik ta' tnejn minn nies oħra, f'iktar minn okkażżjoni waħda. Finalment, xehed ukoll Joseph Micallef li stqarr li minn Marzu 2022 sal-24 ta' Mejju 2022, l-appellant kien tefa' d-dgħajsa tiegħu "*alongside*" fil-post tiegħu u ta' ħaddieħor.

Illi, l-appellant għazel li jixhed f'dawn il-proċeduri fejn stqarr li żmien ilu l-awtoritajiet kienu taw lill-barklora, *landing place* ħdejn ir-Regatta ta' Bormla, liema post ma kellux x'jaqsam mal-*Cospicua Boating Group*. Jisħaq li l-kwerelanti ħadu taħt idejhom dan il-post u kabbru d-dgħajjes tagħhom tant illi issa ma baqax iktar spazju fejn hu jista' jorbot fil-post li kien assenjat lilu. Jammetti li kien hemm drabi fejn rabat id-dgħajsa tiegħu f'post ħaddieħor u anke ħalliha hemm matul il-lejl meta jistqarr: –

> "**Fejn insib vojt noqgħod**"... "**Għax fejn kelli d-dritt imlejtuh intom. Allura, bdejt nipparkja fejn insib vojt**"... "**Norbotha eh ma x'imkien la jimlewha, bħalma hi mimlija, ma nistax naħdem**".

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant kien misjub ħati tar-reat maħsub fl-Artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' dak ir-reat hekk magħruf bħala *raggion fattasi*. Iżda jressaq bħala difiża l-massima legali *'qui continuat non attentat'* u *'vim vi repellere licet'*. Issa sabiex din id-difiża ta'l-aħħar tirnexxi irid ikun ippruvat illi l-att repellattiv kien wieħed immedjat hekk kif l-awtur tar-reat ikun dehrlu li ġie spoljata mit-tgawdija tal-proprjeta' tiegħu, azzjoni allura tixbaħ dik tal-awto-tutela istantanju tad-drittijiet tal-oltraġġjat, f'ċirkostanzi, allura, fejn dan ma jkollux żmien jirrikorri lejn l-awtoritajiet sabiex isseħħ din it-tutela minħabba li l-periklu ikun wieħed attwali u inġust. Ir-reazzjoni trid tkun waħda immedjata. F'sentenza deċiża minn din il-Qorti kif

diversament ippresjeduta fl-appell fl-ismijiet *The Police vs Jane Deguara*[1] kien hekk deċiż:

> ***As Giulio Crivellari states in Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc. UTET, 1895:***
>
> ***"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat…escludono l'esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario."***
>
> ***Likewise Francesco Antolisei:***
>
> ***"L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l'autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l'antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l'interesse del possessore."***
>
> ***It is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot return two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place. The raison d'etre for the principles above mentioned is that because of the actual threat of spoliation one cannot have recourse to the proper authorities – one has acted immediately to retain or to re-acquire possession. But if there is a certain lapse of time, then the law requires reference to the proper authorities. Moreover, for the principle*** **qui continuat non attentat** ***to apply, the person must actually be maintaining the*** **status quo** ***and acting strictly within the limits of the right or of the possession that he actually enjoys, and not enlarging upon that right or upon that possession.***

F'sentenza tal-Qorti tal-Kassazjoni fl-Italja ingħad hekk fuq din id-difiża:

> ***La difesa privata di un proprio diritto di possesso, anche con il ricorso all'uso di una violenza reale, è consentito a chi subisca un fatto vanificante tale diritto (spoglio), allorché l'azione reattiva (autodifesa) segua senza soluzione***

[1] Deċiża 5 ta' Diċembru 2003 – appell numru 146/2003

***temporale nell'attualità e nell'immediatezza l'azione lesiva del contraddittore, atteso che - in difetto di un'immediata azione di autotutela - il soggetto interessato danneggiato dall'azione di spoglio, può proteggere e tutelare la propria posizione di diritto soltanto richiedendo al giudice una non tempestiva tutela possessoria di carattere interinale e cautelare.***[2]

**Ikkunsidrat:**

Illi, spjanat dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, u wara eżami akkurat tal-atti proċesswali, il-Qorti tistqarr illi d-difiża mqanqla mill-appellant tfalli. Jibda biex jingħad illi l-appellant jonqos milli jiressaq provi sal-grad minnu mistenni illi huwa kellu il-pussess minnu reklamat. Mhux biss, iżda jidher illi dan il-pussess kien fil-fatt f'idejn il-parti offiża saħansitra mis-sena 2003 meta sar il-ftehim bejn il-*Grand Harbour Marina Ltd.* u il-Kunsill lokali ta' Bormla u il-*Cospicua Boating Group*[3], fejn l-appellant ma huwiex parti mill-Lista ta' nies approvata mill-Kumitat, li allura tindika li żgur li minn dak iż-żmien il-pussess kien f'idejn ħaddieħor u mhux f'idejh. Illi minn naħa l-oħra il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jindikaw li l-appellant kien ripetutament jorbot f'post assenjat lil ħaddieħor u jħalliha hemm għal numru ta' sigħat, anke matul il-lejl. Dan huwa ammess mill-appellant stess li jikkontendi illi kien kostrett jorbot mal-irmiġġ ta' ħaddieħor għaliex ma kenux ħallewlu iktar spazju biex jibqa' jagħmel kif kien jagħmel qabel u jorbot fejn kien jaqbillu. Ma jirriżultawx min dawn il-fatti probatorju l-estremi ta' dritt li fuqhom huma imsejsa il-prinċipji ta' *'qui continuat non attentat'* u *'vim vi repellere licet',* mqanqla minnu bħala difiża. Għalhekk l-elementi kollha tar-reat tar-*raġġion fattasi* ġew ampjament ippruvati meta jidher illi kontinwament l-appellant qed jeżerċita dritt li huwa ma għandux jedd għalih billi jispolja lil ħaddieħor mit-tgawdija li kien leġittimament lilhom mogħti. U minflok jirrikorri lejn l-awtoritajiet sabiex jirreklama id-drittijiet tiegħu, l-appellant ripetutament jieħu l-liġi b'idejh u jagħmel ta' rasu. Kwindi għal dawn il-motivi ma hemm xejn sindikabbli fid-deċizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward stante li hija setgħet raġonevolment u legalment issib ħtija fl-appellant. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

---

[2] Cassazione penale, sez. VI, sentenza 21/01/2010 n° 2548
[3] Fol.15 tal-atti

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta kien ikkundannat għal ħlas tal-multa ta' €400 u dan għaliex jikkotendi li din ma tirrispekjax il-fatti partikolari ta' dan il-każ u hija eċċessiva u sproporzjonata.

Illi, huwa indubitat illi l-piena mposta mill-Ewwel Qorti għal dan il-vjolazzjoni ta' dritt kienet waħda fil-parametri tal-liġi *oltre*, għal fatt illi l-appellant ma jressaq ebda raġuni valida li jintitolah għal xi skont fil-piena erogata fil-konfront tiegħu. Għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**